**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**SILVIO XUEREB**

Kump Nru. 83/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Silvio Xuereb** detentur tal-karta tal-identita 45777(M)**,** gie akkuzat talli:

1. Matul ix-xahar t' Awwissu 2012 gewwa Hal Far b'diversi atti li ma gewx maghmulha b'rizoluzzjoni wahda izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, ikkommettejt serq ta' diversi oggetti liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€2,390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' diversi persuni.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwestati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

3. Filnalment il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta ma' Silvio Xuereb talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentnezi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat Silvio Xuereb anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali in tema ta' piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija ta` l-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

Naturalment, it-tieni imputazzjoni inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel.

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-mori ta` din il-kawza l-imputat hallas lil Mariano Camilleri s-somma komplessiva ta` €2,000 *in full and final settlement*. Minn naha tieghu, Mariano Camilleri ddikjara li ma kien ghad fadallu ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta` l-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-

Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar il- fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lil Silvio Xuereb, mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha qed jigi lliberat skond il-ligi, izda qed issibu hati ta` l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Silvio Xuereb bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mil-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil Silvio Xuereb fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur